# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Illum il-Ġimgħa 8 ta' Novembru, 2024**

**Rikors Nru.: 751/2023 MH**

**Rikors fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru**

**bin-numru ta' referenza 833/2023: 6**

**Gerhard Golachowski kif rappreżentat mill-mandatarja speċjali tiegħu**

**l-Avv Dr Sarah Sultana**

**vs**

**TSG Interactive Gaming Europe Ltd (C-54266)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tas-soċjeta' TSG Interactive Gaming Europe Ltd ("TSG") tas-17 ta' Lulju 2023** permezz ta' liema qegħda tippremetti –

1. *"Illi kontestwalment ma dan ir-rikors is-soċjeta' esponenti qed tintavola rikors għar-rifjut ta' rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza*

*tal-Qorti "Regional Court for Civil Matters Vienna" ġewwa l-Awstrija fit-18 ta' Frar 2022 fil-kawża fl-ismijiet Gerhard Golachowski vs TSG Interactive Gaming Europe Ltd. (Każ numru 6 Cg 63/21k-13) li ġiet konfermata fl-appell fl-10 ta' Ġunju 2022 mill-Qorti "Higher Regional Court of Vienna" (Appell numru 14 R 71/22x) (flimkien is-"**Sentenza Awstrijaka**"), dan ai termini tal-Artikolu 45 u tal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) (ir-"**Regolament (UE) 1215/2012"**) (vide "Dok. RI");*

2. *Illi abbażi tal-imsemmija Sentenza Awstrijaka, Gerhard Golachowski talab il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv kontra s-soċjeta' esponenti; liema mandat ġie akkordat minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Mejju 2023;*

3. *Illi in vista tal-intavolar tal-proċeduri surreferiti għar-rifjut ta' rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni f'Malta tas-Sentenza Awstrijaka, s-soċjeta' esponenti qiegħda permezz tal-preżenti rikors umilment titlob is-sospensjoni tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru ta' referenza 833/2023 ai termini tal-Artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012, li jipprovdi hekk:*

*"1. Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l- eżekuzzjoni:*

*(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtolatorji;*

*(b) tissoġġetta l-eżekuzzjoni għall-għoti ta' garanzija li hi tistabbilixxi; jew*

*(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom."*

4. *Illi fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 1141/2021/NC fl-ismijiet Lotto Hessen GmbH vs European Lotto and Betting Ltd. – deċiżi fil-24 ta' Novembru 2021 u liema proċeduri huma simili għal dawk preżenti, din l-Onorabbli Qorti, kif diversament ippreseduta stabbiliet illi:*

*"l-Qorti, jekk tiġi mitluba, għandha l-fakulta' li tissospendi l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija minn Qrati oħra fl-Unjoni Ewropea. Din il-fakulta' hija pero' suġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet:*

- *il-persuna li titlob tali sospensjoni trid tkun intavolat kawża "għal rifjut tal-eżekuzzjoni";*
- *it-talba għas-sospensjoni trid tintalab mill-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza;*
- *il-kawża għal rifjut trid tkun skond is-Sub-Taqsima 2 tat-Taqsima 3."*

5. *Illi f'dan ir-rigward is-soċjeta' esponenti umilment tissottometti li dawn lkoll huma evidenzjati bħala sodisfatti - speċifikament illi:*

i. *Il-persuna li qiegħda titlob s-sospensjoni, u ċioe' s-soċjeta' esponenti, hija l-istess waħda li intavolat kawża "għal rifjut tal-eżekuzzjoni" – liema fatt huwa kkonfermat bħala ben sodisfatt mill-kopja legali tar-rikors għar-rifjut ta' rikonoxximent u eżekuzzjoni hawn anness (vide "Dok. RI");*

ii. *It-talba għas-sospensjoni qed tintalab mill-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza – liema fatt huwa kkonfermat mill-mandat ta' sekwestru bin-numru ta' referenza 833/2023 li jikkonferma illi s-Sentenza Awstrijaka qed tintalab li tiġi eżegwita kontra s-soċjeta' esponenti;*

iii. *Il-kawża għal rifjut intavolata ġiet intavolata mis-soċjeta' esponenti skond is-Sub-Taqsima 2 tat-Taqsima 3 – u speċifikament taħt l-artikoli 45(1)(a) u 46 tar-Regolament (UE) 1215/2021 - liema fatt huwa kkonfermat bħala ben sodisfatt mill-kopja legali tar-rikors għar-rifjut ta' rikonoxximent u eżekuzzjoni hawn anness (vide "Dok. RI");*

6. *Illi di piu' fil-proċeduri bin-numru ta' referenza 825/2021/CFS fl-ismijiet Lotto Hessen GmbH vs Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd. – deċiżi fil-11 ta' Ottubru 2021 – u liema proċeduri huma simili għal dawk preżenti, din l-Onorabbli Qorti, stabbiliet illi:*

   *"xogħol il-qorti fi proċeduri dwar talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza huwa li tara żewġ affarijiet ewlenija: (i) jekk ir-rikorrent għandux mad-daqqa t'għajn argument validu biex jikkontesta l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza barranija; u (ii) il-konsegwenzi li jistgħu jbatu l-partijiet jekk tintlaqa' jew ma tintlaqax it-talba għas-sospensjoni;"*

7. *Illi fir-rigward ta' jekk is-soċjeta' esponenti għandiex mad-daqqa t'għajn argument validu biex tikkontesta l-għarfien u l-eżekuzzjoni tas-sentenza barranija, is-soċjeta' esponenti hija tal-fehma illi għandha raġunijiet tajba u argumenti validissimi sabiex jintlaqgħu t-talbiet tagħha għar-rifjut*

*ta' rikonoxximent u infurzar tas-Sentenza Awstrijaka f'Malta u liema raġunijiet - huwa tajjeb li jiġi ssottolineat - huma kważi simili għal dawk miġjuba mir-rikorrenti fil-proċeduri surreferiti bin-numru ta' referenza 825/2021/CFS u 1141/2021/NC – li fihom, din l-Onorabbli Qorti, laqgħet it-talba għas-sospensjoni tal-mandati eżekuttivi relattivi ai termini tal-artikolu 44(1(ċ);*

8. *Illi speċifikament, permezz tal-imsemmi rikors, is-soċjeta' esponenti qiegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara w tiddeċiedi illi l-imsemmija Sentenza Awstrijaka m'għandhiex tiġi rikonoxxuta w infurzata f'Malta ai termini tal-Artikoli 45(1)(a) u 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012 - dan in kwantu tmur manifestament kontra l-istrateġija pubblika ('ordre public') tal-istat Malti - u dan kif spejgat fid-dettal fir-rikors imsemmi, tenut kont inter alia tal-Artikolu 56A tal-Att Dwar il-Logħob, Kap 583 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi, inoltre, fi proċeduri indentiċi għal dawk preżenti, fl-atti tal-Mandat numru 442/2023 fl-ismijiet Johannes Winkler vs TSG Interactive Gaming Europe Ltd., din l-Onorabbli Qorti għamlet referenza għal dak sostun minn Dickson u Lein f' "The Brussels I Regulation Recast", fejn itqal hekk:*

   *"A prima facie assessment of the chance that the party against whom enforcement is sought will be successful in the challenge procedure, and the possible consequences for both parties of the making or refusal of a suspension or limitation order, will be relevant factors. The court may not, however, review the substance of the underlying judgment"*

10. *Illi, għalhekk f'dan l-istadju l-Qorti għandha tara l-argumenti li għandha s-soċjeta' esponenti fir-rikors għar-rifjut u jekk l-istess argumenti humiex validi fuq bażi ta' prima facie. Fil-qosor, is-soċjeta' esponenti tirrileva li hija liċenzjata mill-Awtorita' Maltija Dwar il-Logħob u detentriċi tal-liċenzji bir-referenza MGA/B2C/213/2011 u b'daqstant hija awtorizzata sabiex toffri s-servizzi tagħha għal-logħob tal-ażżard minn Malta lil persuni li jaċċessaw is-sit tagħha, basta li għandha raġuni legali ġustifikata sabiex toffri s-servizzi tagħha u li tirrispetta fis-sħiħ il-liġijiet ta' Malta u r-regolamenti fis-settur imposta fuqha – u dan bl-operat tal-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), li jistipula hekk:*

*"Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt, ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta' li jiġu provduti servizzi fl- Unjoni għandhom jiġu projbiti fir-*

*rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat Membru li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi. [...]";*

11. *Illi l-Awtorita', f'numru ta' kawżi li qegħdin jistemgħu fil-Qrati ta' Malta għar-rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenzi Awstrijaki, stqarret li operaturi liċenzjati minn Malta għandhom raġuni legali ġustifikata sabiex joffru s-servizz tagħhom ġewwa l-Awstrija, u dan sakemm josservaw l-kundizzjonijiet u l-obbligi legali naxxenti mill-Liġijiet ta' Malta, hekk kif jirriżulta mill-opinjoni legali annessa u mmarkata bħala "Dok. OL" mar-rikors għar-rifjut ta' rikonoxximent u eżekuzzjoni hawn anness;*

12. *Illi għalhekk jirriżulta li s-soċjeta' esponenti għandha "mad-daqqa t'għajn argument validu biex tikkontensta l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza barranija";*

13. *Illi fir-rigward tat-tieni rekwiżit elenkat fis-sentenza mogħtija fil-kawża bin-numru ta' referenza 825/2021/CFS fl-ismijiet Lotto Hessen GmbH vs Deutsche Lotto und Sportwetten Ltd., u ċioe' il-konsegwenzi li tista' tbagħti jekk ma tintlaqax it-talba, is-soċjeta' esponenti umilment tissottometti illi ż-żamm fis-seħħ tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru ta' referenza 833/2023 qed jikkawżalha konsegwenzi serji u preġudizzju ta' natura gravi, liema konsegwenzi u preġudizzji jistgħu jiggravaw u jiżdiedu mat-trapass taż-żmien li jibqa' fis-seħħ;*

14. *Illi di piu, ż-żamm fis-seħħ tal-istess mandat jista' jxekkel l-operat tas-soċjeta' esponenti, partikolarment l-abbilta' tagħha li tħallas lill-kredituri tagħha, inkluż impjegati;*

15. *Illi, inoltre, f'każ li r-rikors għar-rifjut tal-eżekuzzjoni tas-sentenza Awstrijaka jintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti, Gerhard Golachowski ikun diġa żbanka l-ammont indikat fil-mandat hawn fuq ċitat;*

16. *Illi in vista tal-imsemmija konsegwenzi serji li qiegħda tbati u li tista' tkompli tbati minnhom is-soċjeta' esponenti, abbraċċjati mal-bażi soda għall-intavolar tal-proċeduri għar-rifjut tar-rikonoxximenti u tal-eżekuzzjoni f'Malta tas-Sentenza Awstrijaka, kif spjegat iżjed 'il fuq, jfissru li jistħoqqlu li jiġi sospiż b'mod immedjat il-mandat eżekuttiv bin-numru ta' referenza 833/2023, u dan ai termini tal-artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012, u in linea mal-insenjament tal-ġurisprudenza nostrana;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, s-soċjeta' esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalunkwe provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi tal-każ:*

1. *Tordna li, sakemm jiġi deċiż dan ir-rikors, b'mod proviżorju tillimita l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 833/2023 fl-ismijiet hawn fuq ċitati b'dan illi ma jsir ebda żbank ta' ċedoli mis-sekwestrant, u dan b'notifika u/jew komunika urġenti lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili;*

2. *Tordna s-sospensjoni tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru ta' referenza 833/2023 fl-ismijiet hawn fuq ċitati kollu kemm hu ai termini tal-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) billi tordna lis-sekwestratarji jirrilaxxaw il-kontijiet tas-soċjeta' esponenti;*

3. *B'mod alternattiv u mingħajr preġudizzju għat-talba preċedenti, tordna li jiġi limitat l-effett tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru ta' referenza 833/2023 fl-ismijiet hawn fuq ċitati għal wieħed kawtelatorju ai termini tal-artikolu 44(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), b'dan illi ma jsir ebda żbank ta' ċedoli mis-sekwestrant.*

*Bl-ispejjeż, u b'riżerva għal kwalunkwe dritt t'azzjoni spettanti lill-esponenti, inkluż taħt l-artikolu 279 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta."*

Rat ir-**risposta ta' Gerhard Golachowski tal-5 ta' Marzu 2024**[1] permezz ta' liema rribatta –

1. *Illi din hija risposta ghar-rikors intavolat mis-socjeta sekwestrata TSG Interactive Gaming Europe Limited fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 833/2023 su-riferit ai termini ta' l-Artikolu 44 tar-Regolament UE 1215/2012, liema rikors baqa' ma giex notifikat lill-esponenti sal-lum, imma l-esponenti talbet lill-avukati tal-kontro-parti sabiex jghaddulha*

[1] Fol 133 et seq

*kopja biex tkun tista' tirrispondi ghall-istess u din il-Qorti tkun tisat' ghalhekk tghaddi ghad-digriet opportun;*

2. *Illi in linea ma' dak sottomess mis-socjeta sekwestrata limitatament f'paragrafi numri 3, 4 u 5 tar-rikors taghha, mhux kontestat illi s-socjeta sekwestrata, hija l-istess persuna li kontriha qed tintalab l-ezekuzzjoni da parti ta' l-esponenti tramite il-mandat ezekuttiv 833/2023 su-riferit u mhux kontestat lanqas illi intavolat proceduri ai termini ta' l-Artikolu 45(1)(a) u l-Artikolu 46 tar-Regolament UE 1215/2012 (Rikors Numru 750/2023 MH Differit: 28.06.2024), sabiex tittenta tottjeni ir-rifjut tar-rikonoxximent u ta' l-ezekuzzjoni ta' dawn is-sentenzi mibdija kontriha mill-esponenti Gerhard Golachowski, ghaliex skond l-istess socjeta sekwestrata dawn imorru kontra l-istrategija pubblika (ordre public) ta' Malta; Dawn il-proceduri ta' rifjut diga qed jigu kontestati mill-esponenti u diga giet intavolata r-risposta opportuna da parti ta' l-istess esponenti*

3. *Illi l-esponenti jirrileva illi permezz tar-risposta relattiva tieghu ghall-proceduri su-riferuti 750/2023 MH, huwa qieghed jikkontesta bil-qawwa kollha l-azzjoni rikorrenti ghar-rifjut tar-rikonoxximent u ezekuzzjoni ghaliex fil-fehma ta' l-esponenti, is-socjeta rikorrenti m'ghandha l-ebda bazi legali biex tottjeni r-rifjut u rikonoxximent tas-sentenzi finali u definittivi f'idejn l-esponentiGerhard Golachowski, kif ser jigi ppruvat f'dawk il-proceduri;*

4. *Illi in oltre bhalma taf ben tajjeb is-socjeta rikorrenti, **sal-lum**, **<u>MA INTALAB QATT l-EBDA ZBANK</u>** ta' xi cedoli maghmula fil-konfront tas-socjeta rikorrenti fl-atti ta' dan il-mandat ta' sekwestru odjern, <u>la tramite rikors zbank u wisq anqas ma gew avvicinati l-kontro parti TSG Interactive Gaming Europe Ltd. sabiex jaghtu l-awtorizzazzjoni taghhom ghall-izbank favur l-esponenti</u>. L-abbli difensuri tal-kontro-parti donnhom jibqghu jinsew persistentement illi hemm procedura biex isir zbank u wiehed ma jistax jaqbad imur u jiehu l-flus mir-Registru qisu dahal jaghmel withdrawal minn xi bank;*

***IT-TIENI TALBA RIKORRENTI***

5. *Illi fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti, l-esponenti jirrileva illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tghaddi sabiex takkolji din l-istess talba rikorrenti kif dedotta u dana stante illi is-socjeta sekwestrata qed tippretendi illi jekk l-Qorti tordna s-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni, dan*

*ghandha taghmlu billi tordna r-rilaxx tal-kontijiet bankarji taghha mis-sekwestratarji, ossia l-banek taghha;*

6. *Illi fl-ewwel lok jinghad illi din it-tieni talba hija legalment improponibbli ghaliex s-socjeta rikorrenti bl-ebda mod ma tindika xi trid tfisser biha li l-Qorti ghandha tordna lis-sekwestratarji ossia l-banek taghha sabiex jirrilaxxaw il-kontijiet tas-sekwestrata, u mil-liema disposizzjoni tal-ligi tohrog talba ghal ordni simili.*

7. *Illi di piu u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, jigi rilevat illi l-Artikolu 44 tar-Regolament huwa limitat ghall-procedura tas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni ta' sentenza estera minhabba li jkunu ghaddejjin proceduri ta' rifjut ta' l-ezekuzzjoni ta' l-istess sentenza taht l-Artikolu 46 tar-Regolament, u allura il-procedura odjerna m'hix il-procedura idoneja sabiex jintalab illi l-kontijiet bankarji tas-sekwestrata jigi rilaxxati mis-sekwestratarji;*

8. *Fil-fatt sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni taht l-Artikolu 44(1) tar-Regolament 1215/2012 tista' tkun **<u>wahda</u>** biss mill-provvedimenti indikati fir-Regolament innifsu, ossia*

*"(a) Tillimita l-procedimenti tal-ezekuzzjoni ghal mizuri kawtelatorji; jew*
*(b) Tissoggetta l-ezekuzzjoni ghall-ghoti ta' garanzija li hi tistabilixxi; jew*
*(c) Tissospendi l-procedimenti ta l-ezekuzzjoni kollha kemm huma jew ta parti minnhom."*

9. *Fir-rikors odjern is-sekwestrata talbet is-sospensjoni sia ai termini tas-sub-inciz (1)(a) u (1)(c) meta ma jistax jinghata aktar minn provvediment wiehed taht l-Artikolu 44 - jigi rilevat illi s-sospensjoni tal-procedimenti ta' l-ezekuzzjoni taht l-artikolu 44(1)(c) ma jikkomprendix ukoll possibilita li ssir talba sabiex jigi ordnat mill-Qorti ta' stat membru indirizzat lill-banek sekwestratarji, li lanqas huma parti mill-proceduri odjerni, li jirilaxxaw il-kontijiet tas-sekwestrata;*

10. *Illi kif qalet din l-Onorabbli Qorti fir-rikors numru 555/2019 RGM fl-ismijiet* **Vincenzo di Nunzio vs Interactive Services Limited***, deciz fis-16 ta' Lulju 2019, rigwardanti ir-Regolament UE 1215/2012:*

> *"**<u>Hija gurisprudenza kostanti illi l-ligijiet ta' procedura huma ligijiet ta' ordni pubbliku li ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta ghaliex fuqhom tiddependi hafna drabi is-solidita' ta' Sistema guridiku</u>**. **<u>In-nuqqas ta' tharis tal-ligijiet ta' procedura</u>***

> ***jwassal hafna drabi, bhal fil-kaz in ezami, ghall-irritwalita u n-nullita tal-proceduri. Dawn huma regoli ta' procedura li l-Qorti ta' Stat membru indirizzat hija marbuta li tadotta u timplimenta u mhux moghti lilha d-diskrezzjoni li twarrab l-implimentazzjoni taghhom***" (***enfazi mizjud***);

*Daqstant iehor din l-Onorabbli Qorti ma tistax twessa' dak li jipprovdi l-Artikolu 44 tar-Regolament biex tordna lill-banek sekwestratarji jirilaxxaw il-kontijiet meta dan mhux previst fl-istess Artikolu 44;*

11. *Illi in oltre, u minghajr pregudizzju ghal dak suespost* ***is-socjeta rikorrenti ma pprezentat l-ebda cedola ta' depozitu li saret fl-atti tal-mandat odjern numru 833/2023 sabiex tipprova illi s-somma kollha mitluba minnGerhard Golachowski fil-mandat numru 833/2023, hija kollha debitament depozitata fil-Qorti****. Ghalhekk fin-nuqqas ta' din il-prova din l-Onorabbli Qorti ma tistax fi kwalunkwe kaz tordna r-rilaxx tal-kontijiet tas-socjeta rikorrenti TSG Gaming Interactive Europe Ltd. safejn dan jirrigwarda l-esponenti Gerhard Golachowski;*

12. *Illi talba ghas-sospensjoni tal-procedimenti ta' l-ezekuzzjoni tfisser li kreditur bhal Gerhard Golachowski li jkun ga beda proceduri ta' ezekuzzjoni permezz tal-mandati relattivi, ma jithallix jipprocedi ghall-izbank ta' flus depozitati jew li jistghu jigu depozitati fir-rigward tal-kreditu lilu dovut in segwitu ghal tali mandat ezekuttiv, u dana sakemm jigu decizi b'mod finali l-proceduri ta' rifjut inizjati mis-socjeta sekwestrata, jew sakemm ma jkunx hemm ftehim mod iehor bejn il-partijiet.*

13. *Dan in linea mad-diversi rikorsi simili*[2]*, fosthom dawk ikkwotati mis-socjeta sekwestrata stess fir-rikors taghha - Numru 825/2021 CFS u Numru 1141/2021 NC - li gew decizi minn din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fejn il-Qorti ssospendiet l-ezekuzzjoni fis-sens li ma hallietx lill-kreditur jizbanka l-flus sakemm jigu decizi l-proceduri ghar-rifjut ta' rikonoxximent u ezekuzzjoni izda fl-ebda hin ma irrilaxxat il-kontijiet tas-socjeta sekwestrata bhalma qed tippretendi TSG Interactive Gaming Europe Ltd. fir-rikors odjern. U bl-istess mod is-*

---

[2] Ara per ezempju Rikors Numru 1711/2022 MH fl-ismijiet *Thomas Sommergruber vs TSG Interactive Gaming Europe Limited* deciz fit-22 ta' Mejju 2023. Rikors Numru 1716/2022 ISB *Ergys Keco debitament rapprezentat mill-mandatarja specjali tieghu l-Avv. Sarah Sultana vs Mr. Green Limited* deciz fit-30 ta' Jannar 2023; Rikors Numru 1029/2022 TA *Avv. Sarah Sultana bhala mandatarja specjali ta' l-assenti Markus Reininger vs Mr. Green Limited*, Rikors Numru 825/2022 CFS *Lotto Hessen GmbH vs Deutsche Lotto und Sportwetten Limited* deciz fil-11 ta' Ottubru 2021, Rikors numru 201/2022 RGM *Michael Kugler vs Mr. Green Limited* deciz fit-12 ta' April 2022, Rikors Numru 988/2022 LM *Avv. Sarah Sultana nomine bhala mandatarja ta' Jens Dieter Hurtig vs. Mr. Green Limited*; Rikors Numru 230/2022 RGM fl-ismijiet *Debitum Collectio Ltd. noe vs Mr. Green Limited* deciz fil-21 ta' Marzu 2022, fost hafna ohrajn ohra

*socjeta sekwestrata ma tkunx tista' tiehu lura flus depozitati in konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv sabiex il-Qorti tikkawtela ukoll l-pretensjonijiet tal-gugatur esponenti kontra s-socjeta sekwestrata li johorgu minn sentenzi finali u definittivi decizi fi stat membru iehor ta' l-Unjoni Ewropeja;*

*14. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghal dak sottomess, huwa car illi bit-tieni talba, is-socjeta sekwestrata qed tittenta tottjeni ordni minn din il-Qorti sabiex il-mandat ta' sekwestru 833/2023 ma jibqax aktar fis-sehh, bi pregudizzju biss fil-konfront ta' l-esponenti, u dana jirrizulta palezi mhux biss fit-tieni talba imma ukoll fil-kostatazzjonijiet tas-socjeta sekwestrata fir-rikors taghha f'paragrafi numri 13 u 14 fejn espressament tirreferi ghal konsegwenzi u pregudizzju li ser issofri* ***jekk il-mandat jinzamm fis-sehh****. Fil-fatt f'dan il-kuntest, is-socjeta rikorrenti addirittura tghawweg kliem il-Qorti fil-proceduri minnha kkwotati numru 825/2021 CFS, fejn il-Qorti qieset illi wiehed mill-elementi sabiex tigi kkunsidrata talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni huwa "il-konsegwenzi li jistghu jbatu l-partijiet jekk tintlaqa' jew ma tintlaqax it-talba ghas-sospensjoni" - is-socjeta sekwestrata tirrileva li hi ser ikollha konsegwenzi serji u ser issofri pregudizzju gravi inkluz fl-operat taghha jekk il-mandat jibqa' fis-sehh,* ***U MHUX jekk it-talba ghas-sospensjoni ma tintlaqax*** *kif indikat fil-proceduri 825/2021 CFS, fejn il-Qorti fl-ebda hin ma rreferiet ghal konsegwenzi li jistghu jbatu l-partijiet jekk il-mandat jinzamm fis-sehh.*

*15. Illi jigi rilevat illi jekk verament gew depozitati il-flus kollha fil-Qorti rikjesti fil-mandat 833/2023, ma kien hemm xejn x'jostakola lir-rikorrenti tintavola kontro-mandat sabiex titlob almenu fir-rigward ta' l-esponenti Gerhard Golachowski, ir-rilaxx tal-kontijiet taghha a bazi tal-fatt illi l-flus rikjesti fil-mandat 833/2023 jinsabu kollha depozitati u kawtelati fil-Qorti – dik hija l-procedura korretta - minflok ma tipprova tinqeda bil-procedura taht l-Artikolu 44 tar-Regolament 1215/2012 bhalma qed taghmel hawnhekk liema Regolament ma tippermettix dan;*

## *IT-TIELET TALBA RIKORRENTI*

*16. Illi preliminarjament ghal dak li jirrigwarda dik it-tielet talba rikorrenti sabiex il-Qorti tillimita l-effetti tal-mandat ta' sekwestru billi tikkonverti l-istess mandat ezekuttiv f'wiehed kawtelatorju, jigi rilevat illi r-rimedji disponibbli ai termini ta' l-Artikolu 44(1) tar-Regolament m'humiex*

*kumulattivi izda alternattivi u kwindi l-Qorti ma tistax tissospendi l-ezekuzzjoni u fl-istess hin tillimita l-effetti tal-mandat ghal wiehed kawtelatorju.*

*17. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal dak suespost, jigi precizat li jekk il-Qorti nonostante dan kollu migjub quddiemha tiddeciedi li tillimita l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet fuq premessi ghal wiehed kawtelatorju minflok ma tissospendi l-ezekuzzjoni tieghu fis-sens li ma jsir l-ebda zbank, dan awtomatikament ifisser illi l-ebda somma flus ma tista' tigi zbankata diment illi l-mandat jibqa' wiehed kawtelatorju sakemm jinqatghu l-proceduri specjali taht l-Artikolu 45(1)(a) u l-Artikolu 46 tar-Regolament UE 1215/2012, u allura ma hemmx bzonn ta' dikjarazzjoni li ma jistghux jigu zbankati flus depozitati.* ***<u>Fi kwalunkwe kaz lanqas ma ghandha din il-Qorti tippermetti illi flus li jistghu talvolta jigu depozitati fil-Qorti jigu zbankati mis-socjeta sekwestrata innifisha.</u>***

***TALBA GHALL- KUNDANNA TA' L-ISPEJJEZ***

*18. Illi t-talba sabiex l-ispejjez ta' din il-procedura ikunu a karigu ta' l-esponenti ghandha tigi michuda – l-esponenti kien fil-pjeni diritti supremi komunitarji tieghu illi jitlob il-hrug tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet fuq premessi, u dana wara illi s-sentenzi tal-Qrati Awstrijaci gew debitament notifikati lill-istess socjeta sekwestrata flimkien mac-certifikati ta' ordni ta' infurzar relattivi mahruga ai termini ta' l-Artikolu 53 tar-Regolament (UE) 1215/2012 u allura seta' jipprocedi immedjatament u b'mod awtomatiku sabiex jezegwixxi t-titolu tieghu kontra TSG Interactive Gaming Europe Limited ai termini ta' l-istess sentenzi ukoll ai termini ta' l-istess Regolament. Dan huwa dritt suprem ta' l-esponenti ghaliex ir-regola hija illi sentenzi moghtija minn stat membru ghandhom jigu rikonoxxuti u enforzati fi stat membru indirizzat b'mod awtomatiku,*

*19. Illi ll-fatt illi s-socjeta sekwestrata iddecidiet illi tikkontesta dawn il-proceduri ta' ezekuzzjoni, li wara kollox hija l-eccezzjoni u mhux ir-regola, u ddecidiet li taghmel is-segwenti proceduri ghalkemm fl-ebda hin ma kien qieghed l-esponenti jittenta jizbanka xi ammont depozitat, ma jfissirx illi b'daqshekk l-ispejjez minnha inkorsi ghandhom jigi attribwiti lill-esponenti u minflok ghandha tkun l-istess socjeta sekwestrata illi iggorr sia l-ispejjez taghha, sia l-ispejjez illi l-esponenti qed ikollu jaghmel minhabba l-proceduri tentati mis-socjeta sekwestrata kontra l-esponenti.*

***RIZERVA GHAL AZZJONI TAD-DANNI DA PARTI TAS-SOCJETA SEKWESTRATA TSG INTERACTIVE GAMING EUROPE LTD KONTRA L-ESPONENTI GERHARD GOLACHOWSKI***

20. *Illi finalment ghal dak li jirrigwarda r-rizerva fl-ahhar tar-rikors tas-socjeta sekwestrata ghal azzjoni ghad-danni, u precizament danni taht l-Artikolu 279 tal-Kap. 12 kontra l-intimatGerhard Golachowski, tali riserva hija kompletament fiergha u bla ebda bazi legali: jigi precizat illi l-Artikolu 279 jittratta mandat li jkun inhareg jew gie ezegwit kontra persuna b'mod null – dan mhux il-kaz ta'Gerhard Golachowski li mexxa bil-hrug tal-mandat ta' sekwestru numru 833/2023 kontra s-socjeta sekwestrata sabiex, kif inhu fil-pjeni diritti tieghu skond ir-Regolament UE 1215/2012 li jistabilixxi kif gja sottolinejat li r-rikonoxximent u ezekuzzjoni ta' sentenzi huma awtomatici minn stat membru ghal stat membru iehor, jmexxi bl-ezekuzzjoni kontra s-socjeta sekwestrata tas-sentenzi legittimi, finali u definittivi tieghu gewwa l-Awstrija fir-rigward ta' proceduri li fuq kollox saru fil-presenza u bil-partecipazzjoni tas-socjeta sekwestrata;*

21. *Is-semplici fatt illi s-socjeta sekwestrata qed tittenta tattakka l-ezekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 46 ta' l-istess Regolament UE 1215/2012 ma jirrendix b'daqshekk l-ezekuzzjoni li ghamel l-intimatGerhard Golachowski f'Malta tas-sentenzi finali, definittivi u legittimi tieghu bhala nulla, kif donnha qed tippretendi s-socjeta sekwestrata;*

***KONKLUZJONI***

22. *Illi tenut kont ta' u* ***<u>minghajr pregudizzju ghal dak kollu sottomess f'din ir-risposta esponenti, u minghajr pregudizzju ghall-posizzjoni ta' l-esponenti li qed jikkontesta l-pretensjonijiet rikorrenti</u>*** *fil-proceduri ta' rifjut taht ir-Regolament UE 1215/2012 – Rikors Numru 750/2023 MH DIFFERIT: 28.06.2024, sempliciment fl-ispirtu ta' diversi digrieti u provvedimenti illi inghataw f'rikorsi simili bhal dan odjern maghmula taht l-Artikolu 44 tar-Regolament UE 1215/2012, uhud minnhom anki citati mis-socjeta rikorrenti stess, fejn il-Qrati ssospendew l-ezekuzzjoni sakemm jigu decizi il-proceduri intavolati taht l-Artikoli 45(1)(a) u 46 ta' l-istess Regolament b'mod finali, l-esponenti jirrileva illi* ***<u>ma jsib l-ebda oggezzjoni illi sakemm ikun hemm ezitu finali fil-proceduri Numru</u>*** *750/2023 MH fl-ismijiet TSG Interactive Gaming Europe Limited vs Gerhard Golachowski debitament rapprezentat mill-mandatarja specjali tieghu l-Avv. Sarah Sultana, jew sakemm ikun hemm ftehim mod iehor*

*bejn il-partijiet,* ***__tiqi sospiza l-ezekuzzjoni tas-sentenzi li ghandu favurih l-istess esponenti Gerhard Golachowski, fis-sens illi l-mandat ta' sekwestru numru 833/2023 jibqa' wiehed ezekuttiv imma l-esponenti ma jkunx jista' fil-frattemp jizbanka kwalsiasi flus li hemm depozitati u/jew li jistghu jigu depozitati fil-Qorti__*** *in konsegwenza tal-istess mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 833/2023 minnu intavolat, jew sakemm ma jkunx hemm ftehim mod iehor bejn il-partijiet.* ***__B'dana illi pero lanqas is-socjeta sekwestrata ma tkun tista' tizbanka dawn l-istess flus depozitati fil-Qorti__****.*

*Daqstant ghandu x'jissottometti l-esponenti ghall-gudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta sekwestrata."*

Rat li l-proċeduri tħallew għad-digriet kamerali, li ser jingħata llum.

Rat l-atti kollha tal-proċeduri.

**Ikkunsidrat:**

Mill-atti jirriżulta li –

i. Fit-**18 ta' Frar 2022** ingħatat sentenza mill-Qorti Awstrijaka fl-ismijiet *Gerhard Golachowski vs TSG Interactive Gaming Europe Ltd* ("TSG") permezz ta' liema l-istess TSG ġiet ikkundannata tħallsu s-somma ta' €20,152.14 flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż legali relattivi;

ii. Fid-**9 ta' Frar 2023** ġiet intavolata fil-konfront ta' TSG ittra uffiċjali fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fejn intalbet tħallas is-somma globali ta' €30,228.46 li tinkludi s-sorte, imgħaxijiet u spejjeż legali marbuta mas-sentenza msemmija;

iii. **Fis-17 ta' Lulju 2023** TSG preżentat rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili bil-għan li jiġi rifjutat ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza tal-Qorti Awstrijaka surreferita. Dan ai termini tal-artikoli 45 u 46 tar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni) li jipprovdu hekk-

***"Rifjut tar-rikonoxximent***

*Artikolu 45*

*"1. Fuq it-talba ta' kwalunkwe parti interessata, ir-rikonoxximent ta' sentenza għandha tiġi rifjutata:*

*(a) jekk dak ir-rikonoxximent ikun manifestament kontra l-istrateġija pubblika (ordre public) tal-Istat Membru indirizzat;*

*(b) meta s-sentenza tingħata b'kontumaċja, jekk il-konvenut ma kienx ġie notifikat bid-dokument li jkun fetaħ il-proċedimenti jew b'dokument ekwivalenti fi żmien suffiċjenti u b'tali manjiera li dan ikun jista' jħejji għad-difiża tiegħu, sakemm il-konvenut ma jkunx naqas milli jibda l-proċedimenti biex jikkontesta s-sentenza meta kien possibli għalih li jagħmel hekk;*

*(c) jekk is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija bejn l-istess partijiet fl-Istat Membru indirizzat;*

*(d) jekk is-sentenza tkun irrikonċiljabbli ma' sentenza mogħtija aktar kmieni fi Stat Membru ieħor jew fi Stat terz li jinvolvi l-istess kawża ta' azzjoni u bejn l-istess partijiet, dment li s-sentenza preċedenti tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru indirizzat; jew*

*(e) jekk is-sentenza tkun f'konflitt ma':*

*(i) it-Taqsimiet 3, 4 jew 5 tal-Kapitolu II fejn id-detentur tal-polza tal-assigurazzjoni, l-assigurat, il-benefiċjarju tal-kuntratt ta' assigurazzjoni, il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara, il-konsumatur jew l-impjegat kien il-konvenut; or*

*(ii) it-Taqsima 6 tal-Kapitolu II.*

*2. Fl-eżami tagħha tar-raġunijiet tal-ġurisdizzjoni msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1, il-qorti li lilha ssir it-talba għandha tkun marbuta bis-sejbiet dwar il-fatt li fuqhom il-qorti tal-oriġini tkun ibbażat il-ġurisdizzjoni tagħha.*

*3. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 1(e), il-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-oriġini ma tistax tiġi riveduta. It-test ta' strateġija pubblika msemmija fil-paragrafu 1(a) ma jistax jiġi applikat għal regoli li għandhom x'jaqsmu mal-ġurisdizzjoni.*

*4. It-talba għal rifjut ta' rikonoxximent għandha ssir skont il-proċeduri previsti fis-SubTaqsima 2 u, fejn adatt fit-Taqsima 4.*

***Rifjut tal-eżekuzzjoni***

*Artikolu 46*

*Fuq it-talba tal-persuna li kontra tagħha qed tintalab l-eżekuzzjoni, l-eżekuzzjoni ta' sentenza għandha tiġi rrifjutata meta jinstab li teżisti waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 45."*

iv. Kontestwalment mar-rikors imsemmi, fis-**17 ta' Lulju 2023**, quddiem din il-Qorti l-istess TSG ntavolat ukoll ir-rikors odjern permezz ta' liema qegħda titlob lill-Qorti sabiex pendenti l-proċeduri surreferiti tillimita l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv 833/2023 b'dan li ma jsir ebda żbank ta' ċedoli mis-

sekwestrant jew li tordna s-sospensjoni tal-effetti ta' tali mandat billi tordna lis-sekwestratarji jirrilaxxjaw il-kontijiet ta' TSG jew li alternattivament l-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv jiġu limitati għal dawk ta' mandat kawtelatorju. Dan ai termini tal-artikolu 44 (1) (a) u (ċ) tar-Regolament imsemmi 1215/2012 li jipprovdi hekk –

*"Artikolu 44*

*1. Fil-każ ta' talba għal rifjut tal-eżekuzzjoni ta' sentenza skont is-SubTaqsima 2 tat-Taqsima 3, il-Qorti fl-Istat Membru indirizzat tista', fuq it-talba tal-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni:*

*(a) tillimita l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni għal miżuri kawtolatorji;*

*(.....)*

*(c) tissospendi l-proċedimenti tal-eżekuzzjoni kollha kemm huma jew ta' parti minnhom."*

iv. Gerhard Golachowski qiegħed jopponi din it-ta

lba għal diversi raġunijiet fosthom għax talba għas-sospensjoni ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni ma twassalx għar-rilaxx tal-kontijiet bankarji ta' TSG kif pretiż minnha u għax mhemmx argumenti validi da parti ta' TSG biex tikkontesta l-proċeduri tentati minnha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tissottolinea li r-rwol tagħha f'dawn il-proċeduri huwa biss li tiddegreta dwar it-talba għal miżuri temporanji rikjesta mis-soċjeta' TSG sakemm jiġi deċiż ir-rikors fil-mertu dwar it-talba għar-rifjut tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni tas-sentenza Awstrijaka f'Malta. Għalhekk la hi ser tieħu konjizzjoni u lanqas ser tippronunzja ruħha dwar argumenti u sottomissjonijiet imressqa b'rabta mal-mertu tar-rikors fil-mertu msemmi.

Ferm il-premess, issir referenza għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri **Lotto Hessen Gmbh vs Deutsche Lotto Und Sportwetten Ltd deċiż fil-11 ta' Ottubru 2021** -

> *"13. It-talba ta' Deutsche Lotto għas-sospensjoni tal-mandat 1102/2021 tinsab imsejsa fuq l-artikolu 44(1)(ċ) tar-Regolament (UE) 1215/2012...*
>
> *(......)*
>
> *16. Li rridu naraw mela huwa jekk hemmx raġunijiet fejjieda biex din il-qorti tissospendi l-proċediment tal-esekuzzjoni tas-sentenzi barranin jew le;*
>
> *17. Il-qorti tissokta billi tgħid li hija taqbel mal-mandatarja speċjali ta' Lotto Hessen GmbH, meta tgħid fir-raba' paragrafu tat-tweġiba tagħha, li din il-qorti m'għandhiex idejha marbuta dwar kif għandha tiddeċiedi talba ta' sospensjoni taħt l-artikolu 44(1) tar-Regolament (UE) 1215/2012. Tassew, il-qorti hija ħielsa li taċċetta jew tiċħad it-talba għas-sospensjoni skont id-diskrezzjoni prudenti tagħha;*
>
> *18. Kif insibu miktub fis-silta li tinsab f'paġna 431 tal-ktieb, The Brussels I Regulation Recast modifikat minn Andrew Dickinson u Eva Lein, liema silta ma ġietx riprodotta kolha kemm hi mill-mandatarja speċjali ta' Lotto Hessen GmbH, fir-raba' paragrafu tat-tweġiba tagħha: «The wording of this provision ('may') indicates that the competent court has a discretion in granting these limitation and suspension measures. Not only does invoking the grounds of refusal not automatically suspend enforcement proceedings,*

*but also the court to which an application for suspension or limitation is made has a margin of appreciation to decide if there is sufficient reason to limit or suspend the enforcement proceedings, and to determine the scope and conditions of the appropriate suspension or limitation measure. A prima facie assessment of the chance that the party against whom enforcement is sought will be successful in the challenge procedure, and the possible consequences for both parties of the making or refusal of a suspension or limitation order, will be relevant factors. The court may not, however, review the substance of the underlying judgment.»*

*19. Minn din is-silta jirriżulta li xogħol il-qorti fi proċeduri dwar talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza huwa li tara żewġ affarijiet ewlenija: (i) jekk ir-rikorrent għandux mad-daqqa t'għajn argument validu biex jikkontesta l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza barranija; u (ii) il-konsegwenzi li jistgħu jbatu l-partijiet jekk tintlaqa' jew ma tintlaqax it-talba għas-sospensjoni.*

*20. Naturalment dwar l-ewwel element tal-probabilis causa litigandi, mhuwiex xogħol din il-qorti li tara jekk ir-rikorrent għandux raġun jattakka l-għarfien u l-esekuzzjoni tas-sentenza. Li trid tara l-qorti f'dawn il-proċeduri ta' sospensjoni huwa biss jekk ir-rikorrent għandux raġunijiet li fihom wieħed x'jomgħod jew x'jixtarr;*

*21. Il-qorti minnufih għandha tiċħad it-talba għas-sospensjoni, jekk ir-raġunijiet għall-kontestazzjoni tal-għarfien tas-sentenza huma fiergħa, mhumiex marbuta mar-raġunijiet ta' rifjut imsemmija fl-artikolu 45 tar-Regolament jew jidhru ċari biżżejjed li dawn saru biss biex itawwlu fil-vojt l-esekuzzjoni tas-sentenza.*

*22. Mill-banda 'l-oħra, il-qorti m'għandhiex għalfejn tiddejjaq illi tilqa' talba għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ir-raġunijiet mogħtija mir-rikorrent għall-kontestazzjoni tal-għarfien tas-sentenza jqanqlu fiha ħsibijiet ta' tħabbil il-moħħ. Dan jibqa' jgħodd anke jekk il-qorti jista' ġa jkollha l-fehmiet legali tagħha dwar kif imissha tinqata' l-kwistjoni. Wara kollox il-kejl li jrid jiġi użat hawnhekk huwa dak biss tal-probabilis causa litigandi u mhux tal-iusta causa litigandi;"*

Għal finijiet tal- proċeduri odjerni, dwar l-ewwel element appena msemmi l-Qorti hija sodisfatta mad-daqqa t'għajn li s-soċjeta' TSG għandha argumenti validi biex titlob reviżjoni tal-OĦE ai termini tal-artikolu 45 u 46 tar-Regolament in

kwistjoni. Dan indipendentement minn jekk eventwalment dawn l-argumenti jwasslux għall-eżitu mixtieq mis-soċjeta' TSG.

Dwar it-tieni element din is-soċjeta' tikkontendi li jekk ma sseħħx is-sospensjoni mitluba fil-proċeduri odjerni hija ser ikollha tiffaċja konsegwenzi li huma ta' preġudizzju għaliha, senjatament ix-xkiel għall-operat tagħha partikolarment il-ħlas lill-kredituri tagħha nkluż l-impjegati.

Issir referenza wkoll għall-każ **Lotto Hessen GmbH vs European Lotto and Betting Ltd deċiż fl-24 ta' Novembru 2021** f'liema każ ukoll saru talbiet simili ai termini tal-artikolu 44 ta-Regolament UE 1215/2012. Il-Qorti qalet hekk -

> *"Illi minn analiżi tad-diċitura ta' dan l-Artikolu jirriżulta li l-Qorti, jekk tiġi mitluba, għandha l-fakulta' li tissospendi l-proċedimenti ta' eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija minn Qrati oħra fl-Unjoni Ewropea. Din il-fakulta' hija pero' suġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet:*
>
> *• il-persuna li titlob tali sospensjoni trid tkun intavolat kawża "għal rifjut tal-eżekuzzjoni";*
>
> *• it-talba għas-sospensjoni trid tintalab mill-persuna li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza;*
>
> *• il-kawża għal rifjut trid tkun skond is-Sub-Taqsima 2 tat-Taqsima 3.*
>
> *Illi qabel il-Qorti tikkunsidra jekk għandhiex tissospendi dawn il-proċeduri hija trid l-ewwel tara li t-tliet kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq ġew sodisfatti."*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li dawn it-tlett elementi huma sodisfatti fil-każ odjern -

• Is-soċjeta' TSG - li permezz tar-rikors odjern qed titlob is-sospensjoni tal-Mandat ta' sekwestru eżekuttiv 833/2023 – intavolat ukoll il- kawża għal rifjut tal-eżekuzzjoni u r-rikonoxximent tas-sentenza tal-Qorti tal-Awstrija tat-18 ta' Frar 2022;

• It-talba għas-sospensjoni qegħda tintalab mis-soċjeta' TSG li kontriha qed tintalab l-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-18 ta' Frar 2022;

• Il-kawża għal rifjut tal-eżekuzzjoni u r-rikonoxximent tas-sentenza msemmija qed issir ai termini tal-artikoli 45 u 46 fejn proprju l-artikolu 46 jinsab fis-Sub-Taqsima 2 tat-Taqsima 3 tar-Regolament UE 1215/2012.

Fl-isfond tas-suespost il-Qorti tirrileva li bid-deċiżjoni tal-lum għandu jintlaħaq bilanċ bejn il-varji drittijiet u pretensjonijiet taż-żewġ partijiet.

Meħuda ċ-ċirkustanzi tal-każ il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tas-soċjeta' TSG fir-rikors in eżami għandha tintlaqa' għalkemm b'ċerti restrizzjonijiet kif ser jingħad.

Fl-istess ħin il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt ukoll li l-mandat eżekuttiv in kwistjoni ħareġ leġittimament a favur Gerhard Golachowski in segwitu għas-sentenza suċċitata tal-Qorti Awstrijaka u kwindi anke huwa għandu jkollu s-serħan il-moħħ li jekk il-proċeduri għar-rifjut ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni inizjati

f'Malta ma jkollhomx eżitu pożittiv għal TSG allura huwa jkun jista' liberament jiżbanka l-flus miżmuma in kawtela bis-saħħa tal-mandat.

Il-Qorti ghalhekk sejra tilqa' t-talba ta' TSG għas-sospensjoni ta' tali mandat eżekuttiv limitatament safejn jirrigwarda l-ġbid jew żbank tal-flejjes sekwestrati li ġew jew fil-futur għad jiġu depożitati mis-sekwestratarji b'dana li l-istess mandat għandu jibqa' fis-seħħ sabiex jippermetti d-depożitu ta' flus mis-sekwestratarji.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' <u>limitatament</u> it-talba ta' TSG Interactive Gaming Europe Ltd u tissospendi l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv bin-numru ta' referenza 833/2023 ai termini tal-artikolu 44 (1) tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 b'dana li tali sospensjoni għandha tapplika biss għall-ġbid u żbank minn Gerhard Golachowski tal-flejjes li huma diġa' depożitati jew li fil-futur għad jiġu depożitati mis-sekwestratarji u liema sospensjoni għandha tibqa' fis-seħħ sakemm jintemmu b'mod definittiv jew jiġu ċeduti l-proċeduri li permezz tagħhom qed tintalab ir-rifjut tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni f'Malta tas-sentenza tal-Qorti Awstrijaka tat-18 ta' Frar 2022 fl-ismijiet *Gerhard Golachowski vs TSG Interactive Gaming Europe Ltd.***

**Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha f'din il-proċedura.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Maraya Aquilina**
**Dep. Reġ.**